**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 1114/2015 AF**

**KB Petrols srl**

**vs**

**Agostino Padre Limited (C-60382) u b'digriet tal-11 ta' Frar 2016, il-Qorti awtorizzat lil Khaled Barakat Abdelrazek jintervjeni fil-kawza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' skrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2015 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata bhala dokument ittra "A"), il-partijiet transigew diversi pendenzi bejniethom u s-socjetà intimata ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjetà tas-socjetà rikorrenti ghall-ammont ta' miljun u mitejn u erbgha u tmenin elf u tlett mija u tlieta u tmenin Ewro (€1,284,383).

Minkejja li l-partijiet ftehmu fuq l-imsemmija skrittura privata li l-ammont kien dovut minnufih u minkeja li da parti taghha s-socjetà rikorrenti irriduciet l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1577/15 kif pattwit fl-imsemmija skrittura u minkejja interpellanzi ghal hlas, s-socjetà intimata naqset milli teffettwa l-hlas kif miftiehem.

Ghalhekk is-socjetà intimata ghandha thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' miljun u mitejn u erbgha u tmenin elf u tlett mija u tlieta u tmenin Ewro (€1,284,383), flimkien mal-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

L-ammont dovut favur is-socjetà rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) peress li fil-fehma tar-rikorrenti l-intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.

Ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura sabiex l-intimata tigi ikkundannata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' miljun u mitejn u erbgha u tmenin elf u tlett mija u tlieta u tmenin Ewro (€1,284,383) bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' miljun u mitejn u erbgha u tmenin elf u tlett mija u tlieta u tmenin Ewro (€1,284,383), previa occorrendo dikjarazzjoni li s-socjetà intimata hija vera certa u likwida debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-istess ammont.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1722/15 kontra s-socjetà intimata li minn issa

rapprezentanti taghha jibqghu ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors gurmanetat sad-data tal-effettiv pagament.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2015 fejn il-Qorti semgħet lid-difensuri tal-partijiet u peress illi qieset li s-soċjetà konvenuta kellha eċċezzjonijiet xi tressaq, ingħatat għoxrin jum żmien sabiex tippreżenta r-risposta tagħha għar-rikors tas-soċjetà attriċi.

Rat illi b'digriet datat 11 ta' Frar 2016, il-Qorti laqgħet it-talba ta' Khaled Barakat Abdelrazek sabiex jintervjeni fil-kawża '*in status et terminis*'.

Rat illi s-soċjetà konvenuta, minkejja li debitament notifikata bl-atti tal-kawża, ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontriha.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont ta' €1,284,383 u dan skont skrittura privata datata 14 ta' Ottubru 2015 li permezz tagħha l-partijiet ittransiġew diversi pendenzi bejnithom u s-soċjetà konvenuta kkostitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjetà attriċi. Minkejja li l-ammont riklamat kellu jitħallas mis-soċjetà konvenuta immedjatament, l-attriċi ssostni li qatt ma tħallas.

Din il-proċedura nbdiet skont il-proċedura sommarja a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12. Jirriżulta mill-atti li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata bil-kawża. Fl-ewwel dehra quddiem din il-Qorti, u ċioè fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru

2015, is-soċjetà konvenuta kienet rappreżentata minn tlett persuni li ddikjaraw li kienu rappreżentanti tagħha u kienu debitament assistiti minn avukat.  F'dik is-seduta s-soċjetà konvenuta ġiet mogħtija l-fakoltà li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha.  Jirriżulta li din it-tweġiba ma saritx b'dan illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi hija baqgħet kontumaċi.

Sussegwentement is-socjetà konvenuta ppreżentat in atti nota dwar il-mertu tal-kawża fejn iddikjarat li hija sempliċiment depożitarja tal-ammont riklamant, b'dan illi l-istess flejjes ġew depożitati għandha ad insaputa tad-diriġenti u azzjonisti preżenti u bin-nuqqas ta' kontroll fuq l-istess flejjes. Madanakollu, kif diġà ntqal il-konvenuta baqgħet ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors promotur.

Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma ammissjoni.  Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-22 ta' Gunju, 2005,

> *"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*."

Da parti tagħha, is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-iskrittura tal-14 ta' Ottubru 2015 minn fejn jirriżulta ċar u tond illi s-soċjetà konvenuta kkostitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjetà attriċi.  Fuq din l-iskrittura s-soċjetà konvenuta kienet rappreżentata minn Albert Tabone u Joseph Azzopardi li dakinhar kienu jokkupaw il-kariga ta' direttur f'din is-soċjetà.

Il-kontenut ta' din l-iskrittura ġie verifikat mill-Avukat Dottor Arthur Azzopardi u l-Avukat Dottor Ronald Aquilina li kienu preżenti dakinhar tal-ftehim.  L-Avukat Azzopardi kkonferma li d-dokument ġie ffirmat mill-partijiet fil-preżenza tiegħu u li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-kontenut tiegħu filwaqt illi l-Avukat Aquilina kkonferma li dakinhar tal-ftehim

huwa kien ivverifika li l-firmatarji fuq l-iskrittura kellhom ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetajiet li kienu qegħdin jirrappreżentaw. Is-soċjetà attriċi ressqet ukoll l-affidavit tal-mandatarju tagħha l-Avukat Dottor David Gatt li kkonferma bil-ġurament tiegħu l-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Is-soċjetà attriċi ressqet ukoll bħala xhud lil Albert Tabone li kkonferma li huwa kien parti fuq l-iskrittura in kwistjoni u li l-firma relattiva hija tiegħu. Huwa jkompli billi jgħid illi s-soċjetà attriċi kienet ittrasferiet il-flus in kwistjoni fil-kont ta' martu u li kien hemm trasferiment ieħor għal kont tas-soċjetà konvenuta. Huwa jżid jgħid illi ma kienx jaf li dawn il-flus ġew trasferiti fil-kont tal-kumpannija u li dawn il-flus ma kinux tagħhom.

In linea ġenerali, huwa stabbilit illi:

> "*Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawża "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"*" (George Bugeja vs Joseph Meilak, deċiza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 t' Ottubru 2003).

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Vincent Brincat vs Anna Caruana, deċiża fit-23 ta' Ġunju 2004 fejn intqal hekk:

*"Kif deċiż fis-sentenza a Vol XXXIX pII p585, "hawn tqum il-kwestjoni ta' min għandu jagħmel il-prova. F'dan ir-rigward jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur tal-obbligazzjoni. Il-kreditur għandu jipprova l-inadempjenza tad-debitur, li tista' tikkonsisti anke f'sempliċi dewmien; għandu jiddemostra fatt li fih innifsu jkollu l-impronta tal-ħtija tad-debitur. Wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneru li jipprova li dak l-inadempjent kien dovut għal xi ħaġa barranija ("causa estranea") li tagħha huwa ma kienx responsabbli, jiġifieri illi huwa ma kellux ħtija billi kien mexa bid-diliġenza ta' "bonus paterfamilias" (Art 1175 (1) u Art 1176, illum Art 1132 u 1133 tal-Kodiċi Ċivili)."*

Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu in kwantu li l-premessi għalihom jirriżultaw ippruvati. Dan għaliex il-kontenut tal-iskrittura tal-14 ta' Ottubru 2015 ma jħalli l-ebda dubju li s-soċjetà konvenuta kkostitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi tal-attriċi fl-ammont reklamat, liema ammont baqa' ma tħallasx. Skont l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili, meta kliem il-kuntratt huwa ċar, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni.

Fil-każ ta' Charles Bartolo vs Joseph Muscat, deċiża fil-12 ta' Diċembru 2009, il-Qorti tal-Appell Inferjuri rriteniet li: *'...għandu jiġi notat illi meta teżisti skrittura jew kitba li turi x'kienet il-volonta` negozjali tal-kontraenti dwar dak li ftehmu u l-modalita` tiegħu, dik il-kitba b'dak il-ftehim għandha tiġi mantenuta billi mhux permissibbli li jinġiebu provi kontra l-miktub, ħlief fil-każijiet speċjali għal-liema tirreferi d-duttrina legali u ġurisprudenza*.' Kif ukoll il-kawża fl-ismijiet Anthony Blackman et vs Nobbli Alexander Apap Bologna, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu 1951 (Vol. XXXV.i.26) fejn intqal hekk: *'...meta l-kontraenti jinkorporaw il-ftehim ta' bejniethom fi skrittura, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultax*.'

Kif intqal ukoll fil-każ deċiż fid-19 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet Gianni Cefalu et vs Paul Gauci noe:

*"Kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u ma jistghux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-liġi jeħtieg li jkun fih dawk ir-rekwiżiti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè l-kapaċità, il-kunsens, l-oġġett u kawża leċita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiżiti ma jistax jiġi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volontà leġittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16."*

Fis-sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta konvenuta tagħmel diversi allegazzjonijiet dwar l-isfond tat-transazzjoni li seħħet bejn il-partijiet. Madanakollu, dawn l-allegazzjonijiet ma ġewx sostanzjati la b'eċċezzjonijiet formali u lanqas bi provi u għaldaqstant, ċertament li ma jikkostitwux stat ta' fatt għall-finijiet ta' din il-kawża.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Moby Rentals Limited vs Marthese Attard tas-16 ta' Ġunju 2003 li għaliha tagħmel referenza s-soċjeta attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha intqal hekk:

*"Dawn huma l-provi f'din l-istanza li fiha l-konvenuta baqghet kontumaci. Ma setghetx allura l-istess konvenuta, filwaqt li tipprevalixxi ruhha mill-fakolta` lilha konsentita mill-Qorti (Ara verbal tad-19 ta' Frar 2001 a fol. 65) fit-termini ta' l-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12, tabbuza minn din l-istess fakolta billi tressaq sottomissjonijiet fuq provi li mill-atti ma jirrizultawx. Id-dispost relattiv tal-ligi ma jistax, u ma ghandux, jigi interpretat bhala xi dritt koncess biex wiehed jesorbita mill-parametri tal-provi akkwiziti fil-process billi jressaq u jiddiskuti fatti li fl-istess process ma jinstabux. Tali licenzja tkun tfisser illi l-kontumaci jarroga ghalih id-dritt li marte proprju jiggustifika huwa stess, u minghajr il-ministeru tal-Qorti, l-*

*istat kontumacjali tieghu u jressaq dawk il-provi li jidhirlu hu minghajr ma l-fatti jigu approvati, jew kuntrastati, skond is-soliti rekwiziti procedurali."*

Hekk ukoll fil-każ ta' Josephine Sammut et vs Lorenzo Agius et, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Novembru 1996 intqal illi:

"*Dak li jingħad mid-difensuri fit-trattazzjoni orali jew skritta ma jikkostitwixxix prova" (App. Ċiv. Chircop vs. Dr. Fr. Frendo Randon noe 12/10.79) u għalhekk l-atturi ma jistgħux fit-trattazzjoni tagħhom jagħmlu provi u jġibu difiżi li ma tqajjmux waqt il-kawża*."

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi, tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjetà attriċi u għaldaqstant, tikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' miljun, mitejn u erbgħa u tmenin elf, tlett mija u tlieta u tmenin Ewro (€1,284,383) bl-imgħax kif mitlub.

Spejjeż jitħallsu mis-soċjetà konvenuta b'dan illi l-intervenut fil-kawża Khaled Barakat Abdelrazek għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG